



Il-Belarussja: L-UE tissospendi l-miżuri restrittivi kontra l-persuni li huma l-aktar fil-mira u l-entitajiet kollha fil-mira bħalissa

Il-Kunsill issospenda għal erba' xhur l-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar li japplikaw għal 170 individwu u l-iffriżar tal-assi li japplika għal tliet entitajiet fil-Belarussja. Din id-deċiżjoni ttehdet b'reazzjoni għall-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha Belarussi fit-22 ta' Awwissu u fil-kuntest tat-titjib tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Belarussja.

L-Unjoni Ewropea ilha ħafna tistinka għall-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha. Permezz tas-sospensjoni tal-parti l-kbira tal-miżuri restrittivi l-UE rreaġixxiet għal dan il-progress, li jinkoraġġixxi aktar żviluppi pożittivi li għandhom iwasslu għal titjib fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Belarussja. L-UE ser tkompli tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja.

Il-miżuri restrittivi kontra persuni u entitajiet kienu waslu biex jiskadu fil-31 ta' Ottubru. Il-Kunsill estenda dawn il-miżuri għal erba' xhur, sad-29 ta' Frar 2016, u fl-istess ħin issospendihom għal 170 persuna u tliet entitajiet. Erba' persuni involuti f'għajbien mhux riżolt fil-Belarussja jibqgħu soġġetti għal miżuri restrittivi. L-embargo fuq l-armi wkoll jibqa' japplika.

Il-Kunsill aġġorna wkoll il-lista ta' persuni u entitajiet biex jittieħed kont ta' każistika reċenti.

Id-deċiżjoni ġiet adottata permezz ta' proċedura bil-miktub. Atti legali, inklużi dettalji dwar il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati, huma ppubblikati fil-ġurnal uffiċjali tal-UE tat-30 ta' Ottubru u ser jidhru fis-seħħ fil-31 ta' Ottubru.

- [Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-UE Federica Mogherini u l-Kummissarju tal-UE għall-Politika tal-Viċinat u n-Negojati għat-Tkabbir Johannes Hahn dwar il-ħelsien ta' priġunieri politiċi fil-Belarussja, 22 ta' Awwissu 2015](#)
- [Relazzjonijiet tal-UE mal-Belarussja \(SEAE\)](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press